MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 235/2008/1

**Paul Brian Farrugia**

**vs**

**Stephen Calleja u Wilfred Kenely bhala editur u stampatur rispettivament tal-gurnal 'The Malta Independent'**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fil-21 ta' Mejju 2008 fejn talab lil din il- Qorti li tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, jew solidalment bejniethom dik is-somma [liema somma ma teccedix l-ammont ta' EUR11,646.86 (ekwivalenti

ghal Lm5,000)] li tigi likwidata minn din il-wisq Onorabbli Qorti rapprezentanti danni a tenur tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' malafama lilu arrekata bir-rapport intitolat *"Suspended sentence for stealing electronic equipment"* illi deher fir-raba' pagna tal-harga ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Jannar 2008 tal-gurnal 'The Malta Independent', liema rapport huwa inveritjier u malafamanti fil-konfront ta' l-attur, u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom illi gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Stephen Calleja u Wilfred Kenely fejn eccepew:

1. Illi, preliminarjament, fir-rigward ta' l-intimat Wilfred Kenely, dan ilu snin twal li ma jezercitax il-kariga ta' stampatur mal-gazzetta imsemmija u di piu' l-ligi ta' l-istampa tipprovdi biss li l-persuni responsabbli minn pubblikazzjonijiet huma l-awtur, l-editur u persuni responsabbli mill-pubblikazzjonijiet u ghalhekk stampatur ma ghandux responsabbilta' ghall-pubblikazzjoni fil-gazzetta u l-intimat Kenely ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, fir-rigward ta' l-intimat Stephen Calleja, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li r-rappurtagg huwa essenzjalment korrett, jirraporta l-fatt ta' l-ammissjoni korrettament, izda jsemmi bi zvista reat b'iehor izda konness. Gie rappurtat bhala reat ta' serq meta rrizulta li kien reat li laqa' ghandu hwejjeg misruqin u meta l-intimat Calleja gie mgharraf b'dan l-izball immedjatament ippubblika korrezzjoni ta' l-istess.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-3 ta' Frar 2009 fejn l-attur irrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront ta' Wilfred Kenely.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fis-16 ta' Jannar 2008 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Brian Farrugia l-attur odjern, fuq ammissjoni tieghu gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati fuq akkuza ta' ricettazzjoni. Din il-kawza giet ippublikata fil-gazzetta 'The Malta Independent' tat-18 ta' Jannar 2008 b'artikolu intitolat *"Suspended sentence for stealing electronic equipment".* L-attur hassu malafamat u ngurjat b'dan l-artikolu peress illi attribwietlu r-reat ta' serq, mentri fil-fatt hu nstab hati ta' ricettazzjoni. L-attur xehed li huwa jahdem mal-Gvern u bhala part-time ghandu hanut minn fejn ibiegh apparat elettroniku. Dan il-hanut huwa principalment gestit mill-mara tieghu. Spjega li f'xi zmien qabel dahlet persuna illi offrietlu ghall-bejgh xi apparat elettroniku li l-attur accetta li jixtri, izda rrizulta li kienu misruqin. Tressaq il-Qorti, ammetta u nghata sentenza. Xehed illi l-gazzetti The Times, in-Nazzjon u l-Orizzont kollha rrappurtaw l-istess zball u ha azzjoni kontra taghhom. L-avukat ta' l-attur permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 2008 informa lill-gazzetta The Malta Independent bl-izball li kienet ghamlet u fid-19 ta' Frar 2008 giet ippublikata ratifika. L-attur qal li din ir-ratifika ma rahhiex hlief wara l-ittra ta' l-avukati tal-Malta Independent datata 21 ta' Frar 2008 (fol 23).

Minn naha l-ohra l-konvenut qieghed ighid li m'ghandux ikun responsabbli ghad-danni peress li fi kwalunkwe kaz ir-rappurtag kien essenzjalment korrett. Xehed ukoll illi huwa fizikament impossibli li jkun hemm *reporter* f'kull awla tal-Qorti u

ghalhekk ir-*reporters* li jkun hemm il-Qorti tad-diversi gazzetti jaghtu informazzjoni lil xulxin. Jekk din l-informazzjoni tkun zbaljata allura l-probabbilta' hi li l-gazzetti kollha jaghmlu l-istess zball, kif gara proprju f'dan il-kaz. Minkejja r-ratifika pero' l-attur xorta deherlu li kellu jistitwixxi din il-kawza u jitlob id-danni ghal hsara li kkagunat lilu personalment u n-negozju tieghu.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 29 tal-Ligi ta' l-Istampa Kap 248 ighid illi *"kull min jippublika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lil xi negozju jew proprjeta' ohra, jehel..... somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira li tigi stabbilita' mill-Qorti kompetenti."* Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti trid tara jekk l-Editur uzax id-diligenza xierqa, setax ikun jaf li r-rappurtag kienx falz u li x'aktarx kienet se taghmel hsara lil xi negozju.

Fit-trattazzjoni tieghu l-avukat ta' l-attur issottometta illi r-reat ta' serq huwa ferm aktar serju minn dak tar-ricettazzjoni u min jaqra l-artikolu kien jimputa responsabbilta' fuq l-attur ferm aktar milli haqqu u uza t-test ta' '*the ordinary man in the street'* sabiex jigi evaluwat il-konsegwenza tar-rapport tal-gazzetta. Filwaqt illi l-Qorti lesta li tikkoncedi li bhala fatt ir-rappurtag kien zbaljat, tinnota li ma fih l-ebda kumment u l-Qorti trid tindaga biss fuq il-fatt jekk dan wahdu, setax ikun bizzejjed biex jiskatta favur l-attur it-talba tad-danni.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li hija r-responsabbilta' ta' l-editur li jivverifika l-verita' (ara <u>Paolo Bonnici Limited vs Anthony Montanaro 26 ta' Mejju 1992</u>). Pero' lanqas mhu mistenni fil-limiti ta' ragonevolezza, illi jivverifika kull sentenza u kull

rapport li jigi moghti lilu ghall-pubblikazzjoni. F’dan il-kaz vera sar zball u l-attur gie addebit ir-reat ta’ serq flok dik ta’ ricettazzjoni. Verament il-Qorti jidhrilha illi z-zewg reati huma serji hafna b’importanza relattiva attribwita’ mill-Ligi fl-oghti tal-piena.  Huwa veru illi l-artikolu jrid jinqara bil-mod kif jifhmu *‘the ordinary man in the street’* u jekk nuzaw dan it-test din il-persuna ftit tista’ taghmel differenza bejn ir-reat ta’ serq u dak ta’ ricettazzjoni. It-tnejn huma serji.  Ghalhekk dan it-test jaqa’ u l-Qorti tasal biex tikkonkludi li r-rappurtagg kien essenzjalment korrett. Pero’ l-attur jista’ jkollu ragun jekk jinvoka favur tieghu l-provvedimenti ta’ l-artikolu fuq imsemmi 29 tal-Kap 248 b’konsegwenza ghan-negozju tieghu.

B’analizi ta’ dan l-artikolu l-Qorti tifhem li l-editur zgur illi ma kienx sejjer jippubblika dikjarazzjoni li jkun jaf li hija falza, ghalhekk trid tindaga jekk bid-diligenza xierqa setax ikun jaf li hija falza u li x’aktarx taghmel hsara lil xi negozju.

Ikkunsidrat:

Kif gia nghad, is-sistema tar-rappurtag fil-Qorti tiddependi hafna mill-gurnalisti li jkunu prezenti dak il-hin u l-gazzetti juzaw is-servizzi ta’ xulxin ghal informazzjoni li tkun giet moghtija mill-Qorti. F’dan il-kaz sfortunatament sar zball minn gurnalist u fir-rappurtag tieghu minflok ma nizzel ricettazzjoni nizzel l-akkuza ta’ serq, zball illi f’dan il-kaz seta’ facilment isir peress illi kif qal l-istess attur, mal-kaz tieghu kien hemm ukoll il-kaz tal-persuna li bieghet l-oggetti u li nstabet hatja ta’ serq.  Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tifhem illi facilment jista’ jsir zball u l-akkuza ta’ wiehed tigi addebitata lill-iehor. F’dawn ic-cirkostanzi, meta l-editur gie moghti l-informazzjoni ghall-pubblikazzjoni seta’ ragonevolment jasal ghall-konkluzzjoni illi r-rapport kien wiehed korrett u baghtu ghall-pubblikazzjoni, kif ghamlu  wkoll l-

edituri l-ohra ta’ The Times, in-Nazzjon u l-Orizzont.

Ghal dak li hija hsara lin-negozju jew proprjeta’, imkien ma rrizulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali li l-attur kellu xi nteressi f’dan il-qasam u huwa biss wara l-pubblikazzjoni u f’dawn l-atti illi l-attur informa lill-Qorti b’dan l-interess. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li f’dawn ic-cirkostanzi, l-editur uza d-diligenza xierqa u ma setax ikun jaf li l-pubblikazzjoni kienet wahda inveritjera u inqas u inqas, li x’aktarx kienet se taghmel hsara lil xi negozju jew proprjeta’.

Il-Qorti tasal ukoll ghall-konkluzzjoni illi mhux kull zball mehud minn editur bilfors iwassal ghall-estremi ta’ sanzjoni fil-kuntest tal-ligi ta’ l-istampa, izda jrid jigi ppruvat li l-editur volontarjament ghamel dak l-izball jew ma uzax id-deligenza xierqa biex ragonevolment seta’ jkun jaf illi ha zball. Dan abbinat mal-possibilta’ li ssir hsara lil xi negozju jew inkella proprjeta’. Ghalhekk filwaqt illi fil-kummenti u opinjonijiet l-element intenzjonali ma jidholx, (ara fost ohrajn Joseph Pirotta vs Joseph Grima et noe et deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Superjuri fit-30 ta’ Novembru 2007) f’kwistjoni ta’ zball ta’ fatt dan irid jigi pruvat. Jekk dan ma jsirx ma jkunx sodisfatt id-dispost ta’ l-artikolu 29 fuq imsemmi u ma tistax tigi addebitita’ responsabbilta’. Il-Qorti jidhrilha illi f’dan il-kaz id-dispost fuq imsemmi ma giex sodisfatt u quindi l-attur ma jistax jirnexxi fit-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.”

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-attur jikkontesta lill-ewwel Qorti l-evalwazzjoni minn din maghmula. In succint, huwa jissottometti dan li gej:-

1. L-ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghal konkluzjoni illi ma kienx jirrizulta li l-editur naqas milli juza d-diligenza xierqa. Il-verita hi li sar zball u mhux accettabbli li editur jaqbad u jippubblika rapport iddubbat minghand haddiehor minghajr ma jaghmel il-verifika debita;

2. L-ewwel Qorti zbaljat meta ddikjarat illi l-imputazzjoni tas-serq u dik tar-ricettazzjoni huma essenzjalment l-istess haga, ghaliex ghac-cittadin ordinarju dan mhux hekk u r-reat l-wiehed – dak tar-ricettazzjoni – ma jnisselx l-istess sens ta' stmerrija u ta' disprezz ghal dak tar-reat l-iehor – is-serq;

Il-fatti sostanzjali li taw lok ghal kawza tal-libell *de qua* huma fil-qosor kif gej:-

1. Fil-harga tal-gurnal "The Malta Independent" tat-18 ta' Jannar, 2008 gie ppubblikat rapportagg konciz tad-decizjoni kontra l-attur moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ir-rapport kien intestat "Suspended Sentence for stealing electronic equipment";

2. Id-decizjoni ta' dik il-Qorti pronunzjata fis-16 ta' Jannar, 2008 (ara kopji a fol. 14) kienet invece turi, fuq ammissjoni ta' l-attur, illi dan instab hati ta' ricettazzjoni;

3. B'ittra tat-12 ta' Frar, 2008 (fol. 25) ir-rapprezentanti legali ta' l-attur kiteb lill-gurnal biex jgharrfu illi r-rapport ippubblikat ma kienx konkormi ghas-sentenza moghtija ghaliex il-klijent tieghu ma giex ikkundannat ghal serq izda "*of receiving stolen property*". Gie inoltre aggunt illi minhabba dik l-impressjoni falza tal-fatti l-klijent sofra pregudizzju u dan kellu jitpatta bil-kumpens tad-danni kif ikkontemplat fl-Att dwar l-Istampa;

4. Fil-harga ta' l-imsemmi gurnal tad-19 ta' Frar, 2008 ingiebet id-debita rettifika billi nghad illi "*the article should have read that Mr. Farrugia was accused of, and*

*pleaded guilty, to receiving stolen property*". Cionostante din ir-rettifika, l-attur azzjona lill-konvenuti ghad-danni, anke ghaliex, kif espost minnu fix-xhieda (fol. 15), hu hassu ingurjat u malafamat bir-rapportagg attribwenti lilu l-imputazzjoni tas-serq u li, skond hu, "f'ghajnejn in-nies hi hafna aktar gravi minn dak li effettivament tieghu gejt misjub hati";

Premess dan, in linea ta' principju kif jinzel mil-ligi dwar l-Istampa (Kapitolu 248) il-pubblikazzjoni ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti ta' gustizzja huwa immuni minn azzjoni taht dik il-ligi in kwantu privileggjati [ara Artikolu 33 (e)]. Dan huwa hekk kemm il-darba dawk ir-rapporti jkunu "rapporti gusti" tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni taghhom ma tkunx ipprojbita mil-ligi jew mill-qorti. Ara ghall-esposizzjoni tal-principji guridici fuq dan il-punt id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2000 in re: "**Lino Debono -vs- Avv. Toni Abela LL.D.**". Fil-kaz prezenti l-eccezzjoni relattiva taht il-precitat artikolu ma tqajmetx u, ankorke kienet hekk sollevata, ma setax lanqas jinghad illi r-rapportagg tad-decizjoni penali fil-konfront ta' l-attur kien ezatt u gust fis-sustanza kollha tieghu ghal dak tal-procediment;

Una volta dik l-immunita tinsab eskluza, tinsorgi hawn il-mistoqsija jekk ghal dak il-fatt ta' l-izball fid-determinazzjoni preciza tar-reat, kif konstatat mill-pubblikazzjoni kkontestata, ghandux iwassal ghall-attribuzzjoni ta' htija fil-konvenuti ghal malafama fil-konfront ta' l-attur;

Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti in bazi ghall-konsiderazzjonijiet zvolti *infra*, it-twegiba ghandha tkun fin-negattiv:-

1. Ibda biex, tirrizulta mill-istess sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali d-dikjarazzjoni esplicita illi r-ricettazzjoni ghal liema gie akkuzat l-attur tidderivi mis-serq. Dan jaghmel

ir-ricettazzjoni bhala reat doluz u, ghalkemm hu reat *a se stante*, hu passibbli bil-piena tas-serq. Ara Artikolu 334 (a) Kodici Kriminali. Kif ahjar guridikament imfisser, “ma jistax jigi negat li bejn is-serq u r-ricettazzjoni hemm konnessjoni ferm stretta, u r-reat wiehed hu pedissekwu ta’ l-iehor” (“**Il-Pulizija -vs- Paul Degiorgio**”, Appell Kriminali, 21 ta’ Marzu, 1953). Jikkonsegwi minn dan illi z-zewg delitti huma serji, u konnessi anke ghaliex f’certu sens ir-ricettazzjoni mhix hlief “l-isfruttament konsegwenzjali tal-prodott tas-serq”. (Ara “**Il-Maesta tar-Regina -vs- Lawrence Elich *et***”, Qorti Kriminali, 28 ta’ Jannar, 1958;

2. F’din it-tfassila ankorke kellu jkun obbjettat li din hi wahda purament ta’ natura guridika, din il-Qorti qajla tara kif it-test tal-bniedem ordinarju jgib mieghu xi distinzjoni partikulari bejn reat u iehor. Pjuttost, il-kontra hu l-kaz meta konsiderat fil-kuntest u l-parametru ta’ x’jifhem qarrej ordinarju u ta’ intelligenza normali in kwantu ghalih iz-zewg reati, biex tintuza d-dizzjoni espressa mill-appellanti, jnisslu “sens ta’ stmerrija” u t-tnejn huma “serji u dispregjevoli”. Reat hu reat u l-kummissjoni u l-ammissjoni tieghu tekwivali htija;

3. F’kull kaz, imbaghad, il-fatt li jkun hemm cirkostanza mill-fatti kif rapportati li ma tikkorrispondix fl-ezattezza shiha taghha ghal dak tal-procediment ma jwassalx bilfors u dejjem ghall-konkluzjoni illi r-rapportagg hu, ghal daqshekk, malafamanti u ingurjuz. Idealment, l-izball ma kellux isib postu fir-rapport ippubblikat kieku sar kontroll doveruz tal-fonti tas-sentenza li minnha ttiehed dan ir-rapport, izda, sew ghal dak ikkumentat hawn fuq, sew ukoll ghal fattezzi pekuljari tal-kaz, senjalati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, din il-Qorti, sincerament, ma ssibx li jezisti addebitu malafamanti ghaliex flok ir-reat wiehed imputat, issemma iehor;

4. Ma tistax lanqas tisfuggi mbaghad l-osservazzjoni illi ma’ l-ewwel opportunita`, fuq is-senjalazzjoni ta’ l-Avukat ta’ l-attur, il-gurnal gab id-debita rettifika. Huwa veru illi kif jinghad fl-Artikolu 21 (5) ta’ l-Att

“il-pubblikazzjoni ta’ kull dikjarazzjoni kif mehtiega b’dan l-artikolu jew xi piena bis-sahha tieghu ma jnehhux il-jedd li tittiehed xi azzjoni ohra taht dan l-Att”. Fic-cirkostanzi pero` ta’ dan il-kaz partikolari l-Qorti jidhrilha li tkun gustifikata li tissellef il-kliem tas-sentenza fl-ismijiet “**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**” (Qorti ta’ l-Appell, 27 ta’ April, 2001) biex tirriafferma illi “dan hu wiehed minn dawk il-kazi fejn il-pubblikazzjoni kienet impreciza u addirittura skorretta izda mhux defamatorja fit-termini tal-ligi. Fil-kaz allura r-rimedju ta’ dikjarazzjoni kontradittorja kellu jitqies li kien wiehed sufficjenti biex jirrettifika l-impressjoni hazina li setghu hadu l-qarrejja ta’ fatt zbaljat addebitat lill-appellati (fil-kaz taghna l-appellanti)”.

Ghar-ragunijiet kollha suespressi u dawk l-ohra ta’ l-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------